MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru 26/2011

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**v.**

**David Gatt”**

Il-Qorti,

**1.** Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon tal-25 ta’ Ottubru 2011 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi David Gatt naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-*probation* sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga ;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fit-12 ta’ Dicembru

2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi David Gatt hati skond l-akkuza, u cioe` talli :

(1) nhar-il 21 ta’ April 2000 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtarahwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal sabiex ibighhom jew imexxihom, liema hwejjeg misruqa gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin;

(2) fl-istess perijodu ta’ zmien u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi;

u ghamlet fil-konfront tieghu ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tliet snin a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

**3.** Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon fis-seduti tat-28 ta’ Ottubru 2011, l-20 ta’ Jannar 2012 u t-30 ta’ Marzu 2012; rat l-atti tal-kawza; ikkunsidrat:

**4.** Jirrizulta mix-xiehda ta’ l-ufficjal tal-*probation* li l-*probationer* kellu *“an acute drug habit”* u bbenefika minn ordnijiet ta’ *probation* ohrajn. Tul l-ordni prezenti, minkejja l-isforzi taghha, il-*probationer* baqa’ jabbuza mid-droga u jsostni li mhux possibbli li jieqaf. L-ufficjal tal-*probation* xorta qalet illi hija baqghet temmen fih li jasal. Meta xehdet fit-28 ta’ Ottubru 2011, pero`, l-ufficjal tal-*probation* infurmat lil din il-Qorti li l-*probationer* kellu appuntamwent biex imur id-detox u anke biex imur il-CARITAS. Fis-seduta ta’ l-20 ta’ Jannar 2012 fil-fatt l-ufficjal tal-*probation* qalet illi l-*probationer* kien mar ghall-appuntamenti il-CARITAS u anke mar id-detox u beda jiehu l-methadone. Fis-seduta tat-30 ta’ Marzu 2012 l-ufficjal tal-*probation* qalet illi tliet kampjuni ta’ urina li haditlu kienu negattivi u l-attendenza tieghu kienet regolari.

**5.** Fid-dawl tal-fatt li jidher li l-*probationer* qieghed jaghmel il-parti tieghu sabiex jipprova jieqaf mill-abbuz tad-droga, izda stante illi dan jehtieg necessarjament tul ta’ zmien, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel ordni gdid ta’ *probation* li jikkontjeni ukoll kondizzjonijiet godda.

**6.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* David Gatt kiser l-ordni ta’ *probation* tat-12 ta’ Dicembru 2008, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-gdid ghall-imputazzjonijiet imsemmija hawn fuq (paragrafu tnejn), u wara li rat l-artikoli 334(a), 279(a), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghdu mill-gdid taht *probation* a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta’ tliet snin millum taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-hati ddikjara li huwa jaccetta. Tordna li kopja ta’ l-ordni ta’ *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------